**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 10 ta' Ottubru, 2019**

Numru 3

**Rikors Guramentat Nru. 190/2017**

**Malta Dairy Products Limited**

**vs**

**Christopher Spiteri u martu Dorienne Spiteri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-1 ta' Marzu, 2017 li jghid hekk:

1. Illi l-kumpanija rikorrenti hija kreditrici tal-intimati fis-somma ta' mitejn hamsa u ghoxrin elf tmienja u ghoxrin euro u tmienja u tmenin centezmu (€225,028.88) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' diversi konsenji ta' halib u prodotti tal-halib mibjugha u kkonsenjati lill-intimati fuq ordnijiet taghhom stess, liema bilanc baqa' ma thallasx (ara prospett anness u mmarkat bhala Dok. B flimkien ma' transaction ledger sheet annessa u mmarkata bhala Dok. C);

2. Illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u l-kumpanija rikorrenti thoss li l-intimati ma ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu ghat-talba taghha;

3. Illi minkejja li gew interpellati jhallsu diversi drabi, inkluz bl-ittra bonarja tal-25 ta' Ottubru 2016 (ara Dok. D), l-intimati baqghu inadempjenti;

4. Illi ghalhekk qieghda ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant premess is-suespost il-kumpanija rikorrenti umilment titlob li prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tghaddi biex taqta' u tiddeciedi bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167 et seq. tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili;

2. Tiddikjara illi l-kumpanija rikorrenti hija kreditrici tal-intimati fis-somma ta' mitejn hamsa u ghoxrin elf tmienja u ghoxrin euro u tmienja u tmenin centezmu (€225,028.88) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' diversi konsenji ta' halib u prodotti tal-halib mibjugha u kkonsenjati lill-intimati fuq ordnijiet taghhom stess;

3. Tikkundanna lill-intimati sabiex jhallsu din is-somma lill-kumpanija rikorrenti.

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, tal-mandat ta' inibizzjoni u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju, ipprezentati kontestwalment rna' dan ir-rikors mahluf jew di segwitu ghal dan ir-rikors mahluf kif ukoll bl-imghaxijiet bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq is-somma msemmija dekoribbli mid-dati tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv.

L-intimati huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li tghid hekk:

1. Illi l-ammont mitlub mhuwiex dovut mill-intimati;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-ammont mitlub huwa in ogni caso eccessiv;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, is-socjeta rikorrenti hija debitrici tal-intimati f'somma li tissupera s-somma reklamata fir-rikors odjern u liema pretenzjoni gia qeghda tigi trattata quddiem dina l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fir-rikors mahluf Numru1168/16SM fl-ismijiet "Christopher Spiteri vs Malta Dairy Products Limited";

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, ghandhom japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-Art. 1196 et seq. tal-Kap. 16 f'kaz ta' kundanna ghall-hlas fil-konfront tal-partijiet jew min minnhom;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Bl-ispejjez.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet prezentati;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza ghal hlas ta' bilanc ta' debitu dovut ghal diversi konsenji ta' prodotti tal-halib mibjugha u konsenjati lil konvenuti fuq ordni taghhom. Jidher li kien hemm

relazzjoni ta' kummerc bejn il-partijiet li ghal fini ta' din il-kawza mhix daqshekk rilevanti tenut kont ta' dak li ser jinghad il-quddiem.

Is-socjeta attrici ipprezentat prospett tal-bilanc dovut sas-sena 2016 fejn jidher li qabel din is-sena kien gia hemm bilanc pendenti u li l-kont jieqaf fil-25 ta' Ottubru 2016 meta bdew il-proceduri odjerni u s-socjeta attrici waqfet tikkonsenja prodotti tal-halib lil konvenuti.

Il-konvenuti jaghtu eccezzjoni li l-hlas mhux dovut u li fi kwalunkwe kaz hu eccessiv. Izidu li ipprezentaw kawza ghad-danni u ghalhekk f'kaz ta' ezitu pozittiv f'din l-ahhar kawza ghandha issir tpacija ma' dak li jista' jkun dovut mis-socjeta konvenuta f'dik il-kawza.

Il-Qorti ghandha quddiemha wkoll il-kawza ghad-danni numru 1168/2016MCH li qed tigi deciza kontestwalment ma' din il-kawza u ghalhekk it-tpaccija jekk hu l-kaz issir b'mod awtomatiku bejn iz-zewg krediti dovuti jekk jirrizulta kreditu.

Il-kawza attrici hi semplici. Hemm bilanc allegatament dovut ghal prodott mibjugh u konsenjat lil konvenuti. Nonostante l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li l-ammont mhux dovut jew li hu eccessiv, ix-xiehda tal-konvenut Christopher Spiteri hi cara. Fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2017 fuq domanda cara tal-Qorti x-xhud qal hekk:

> Qorti: Ifhem lili l-ewwel, hekk qed tghid inti ha nifhmek sew jien? Ara ha nerga' nsaqsik, inti qed tghid li kieku ma kienx hemm inkwiet u bqajt fix-xoghol u bqajt ghaddej, inti kont taqbel li l-ammont ta' 225,000 huma dovuti. Pero b'li gara inti sofrejt danni ta' hafna tipi, li minnhom ghandhom jitnaqqru dawn il-225,000.
> Xhud: Ezatt.

Din ix-xhieda hi inekwivoka u filwaqt li tinnewtralizza l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ghat-talba attrici bl-ammissjoni tal-konvenut, tikkonferma l-allegazzjoni attrici tal-ammont dovut lilha. F'dan ic-cirkostanzi ma tantx hemm x'wiehed izid hlief li tigi milqugha t-talba attrici.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tippronunzja ruhha fuq it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet tal-konvenuti billi huma l-mertu tal-kawza fl-isimijiet inversi (1168/2016MCH), tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet u tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lil konvenuti jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' €225,028.88, bl-ispejjez kollha u bl-imghax ta' 8 fil-mija fuq is-somma dekorribbli mid-data tal-fatturi billi d-dejn hu wiehed kummercjali.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur